MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2006

Numru 221/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**

**VS**

**JAMES ANDREW CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Andrew Camilleri, ta' 22 sena, bin George u Josephine nee' Zammit, imwieled gewwa Margate Wing, Kent, l-Ingilterra, nhar l-1 ta' Mejju, 1983, residenti fil-fond numru 1, Nirvana, Triq l-Isparvier, Hal-Ghaxaq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 136493(M);

Akkuzat talli:

1. Bejn it-8 u d-9 Ottubru, 2003, f'xi hin bejn it-tmienja ta' fil-ghaxija, u t-tmienja ta' fil-ghodu, f'San Giljan,

ikkommetta serq ta' diversi dokumenti personali minn go vettura tal-marka *Fiat Punto* bin-numru tar-registrazzjoni GAO 409, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Dr Dorianne Gerada, minn Ta' Xbiex;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hi ta' izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira maltin (Lm500.00), u cioe' fl-istess vettura tal-marka *Fiat Punto,* bin-numru tar-registrazzjoni GAO 409 ghad-detriment ta' Dr Dorianne Gerada, minn Ta' Xbiex;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

4. U kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta;
Wara li rat li t-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi inghataw bhala alternattiva ghall-ewwel tnejn (1 u 2), u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom ulterjuri taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 266, 267, 269, 270, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat James Andrew Camilleri hati tal-ewwel zewg akkuzi (1 u 2) kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tmintax(18)-

il xahar, *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------